MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Numru 59/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Sharon Briffa, bint Mary Gaetano,
imwielda Pieta' fis-17 ta'
novembru, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fit-23 ta' jannar, 2006 ġewwa Triq san Ġorġ, Paceville, San Ġiljan għal ħabta tat-3.00 a.m. –

1. volontarjament ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PS1467 Paul Bonello u PC1602 Mario Mifsud, kif iċċertifika Dr. Stephen Muscat M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-

liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti u cioe’ fuq il-persuni ta’ PS1467 Paul Bonello, PC1602 Mario Mifsud, WPC185 V. Xuereb, WPC133 A. Attard;
3. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi nġurjat jew heddedt jew għamlet offiżi fuq il-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li tinfluwixxi jew tbeżżagħhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni ta’ l-istess uffiċljali tal-pulizija msemmija fl-akkużi hawn fuq;
4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi volontarjament kissreet il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi qalet kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’dagħa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ jannar, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ jannar, 2006 fejn il-pulizija nfurmat lill-Qorti li fil-ħin ta’ l-inċident l-imputata kienet fis-sakra u li l-feriti li ġarrbu l-uffiċjali tal-pulizija huma ta’ natura ħafifa ħafna.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 92, 95, 96, 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni fl-ewwel seduta ta’ din il-kawża. Ma tikkundannahx lill-imputata għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------